Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,510, 30 ta' Ottubru, 2020
Taqsima B

A.L. 410 tal-2020

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Standards* u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-Immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Standards* u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar *Standards* u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment,hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 217. 12.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jigi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "minuri mhux akkumpanjat" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ordni ta' ritorn" tfisser ordni maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li tiddikjara s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz bħala illegali u timponi fuqu obbligu li jirritorna fi Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa awtorizzat li joqgħod;";

(b) fit-tifsira "projbizzjoni fuq id-dħul", il-kelma "f'Malta" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew il-Pajjiżi Assoċjati taż-żona *Schengen*"; u

(ċ) fit-tifsira "riskju ta' ħarba", il-paragrafu (ix) għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ix) jinstab fil-pussess ta' dokumenti foloz ta' identifikazzjoni:

Iżda ħlief kif provdut fl-artikolu 25A(6) tal-Att, f'każ ta' appell, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jinżamm taħt kustodja sakemm idumu l-proċeduri

tal-appell.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jitlob liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed f'Malta illegalment taħt xi dispożizzjoni tal-artikolu 5 tal-Att u li għandu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-dritt ta' soġġorn maħruġa minn Stat Membru ieħor, biex imur fit-territorju ta' dak l-Istat Membru minnufih:

Iżda, għandu jinħareg ordni ta' ritorn fil-konfront taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, fejn huwa jkun jista' jinżamm taħt kustodja u jkun soġġett għall-assessjar tar-riskju ta' ħarba, sakemm isir it-trasferiment tiegħu. Id-drittijiet proċedurali kollha relatati mar-ritorn kif ipprovdut f'dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis*:

Iżda wkoll l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu joħroġ deċiżjoni ta' ritorn fil-każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jħarisx il-ħtieġa msemmija hawn fuq jew fejn it-tluq immedjat tiegħu jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali, soġġett għad-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (3),(4), u (7).".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-proviso tas-subregolament (6) tar-regolament 11 tar-regolamenti principali, il-kliem "bid-diliġenza dovuta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bid-diliġenza dovuta:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda, ħlief kif provdut fl-artikolu 25A(6) tal-Att, f'każ ta' appell, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jinżamm taħt kustodja sakemm idumu l-proċeduri tal-appell.".